# L-ISTORJA TAL-BINI TAL-KNISJA TA' SAN PAWL TAR-RABAT

**Tagħrif fl-Okkażjoni tat-Tlett Mitt Sena tal-Knisja**

**mill-Kan. G. Azzopardi, Kuratur tal-Mużew tal-Kattidral**

Mal-ħajt tal-bieb prinċipali tal-knisja ta' San Pawl, minn-naħa ta' ġewwa, fuq in-niċċa ta' Ġesù Nazzarenu, hemm skrizzjoni kbira mnaqqxa fl-irħam li tfakkar il-ġrajja li seħħet sewwasew 300 sena ilu. Din il-ġrajja hija t-tmiem minn kollox tal-bini tal-knisja, li ġiet imkabbra, mibnija mill-ġdid u dotata b'kull ma kienet teħtieġ minn-nobbli sinjura Guzmana Navarra mill-parroċċa tagħna.[1] Bir-raġun kollu għalhekk inqisu 'l Guzmana bħala l-*fondatriċi* tal-knisja tal-lum. Dik ta' qabilha kienet ġiet konsagrata mill-isqof Royas fl-1575 u tlestiet fl-1578.[2]

Nagħtu qabel xejn it-traduzzjoni bil-malti ta' din l-iskrizzjoni li qed jidher ukoll ir-ritratt tagħha: **Fis-sena 1683 in-nobbli Guzmana Navarra bniet mill-ġdid mill-pedamenti, bi flusha, f'din is-sura aktar sabiħa, it-tempju li ta' qabilna kienu ddedikaw lill-Appostlu San Pawl Nawfragu, li sittax-il mitt sena ilu f'dan il-post kien xandar il-kelma t'Alla. Hija għanietha u ddotata b'renta ta' kull sena.**

Guzmana Navarra kienet tat bidu għall-bini tal-knisja tletin sena qabel iżda x-xogħol kien ħa wisq aktar żmien milli kien mistenni. Mhux għax kien hemm xogħol ta' tletin sena jew għax ma kienx hemm ħaddiema, iżda għax waqaf għal darbtejn minħabba ċirkostanzi li ser insemmu.

Il-bidu tal-bini sar fl-1653, iżda mbagħad waqaf; fl-1664 reġa' tkompla barra l-kappellun ta' San Stiefnu; dan ta' l-aħħar ittellgħa u tlesta kollox mill-1680 sa l-1683. Dan it-tagħrif ninsabu f'pożizzjoni li natuh minħabba kuntratt bil-wisq importanti li b'xorti tajba sibna fl-arkivju tan-nutari u li jirreġistra l-ftehim li sar fl-atti tan-nutar Nikola Allegritto bejn Guzmana Navarra u żewġ imgħallmin għat-tkomplija tal-knisja li l-bini tagħha kien beda u waqaf ħafna snin qabel. Aktar tagħrif fuq il-bini rriżulta mill-Visti Pastorali ta' dawk it-tletin sena u minn kittieba ta' dak iż-żmien.

## MIN KIENET GUZMANA NAVARRA

Guzmana kienet ir-raba' wild tat-tabib Ġiovanni Cumbo bin Ġakbu u ta' Cornelia Navarra bint Pawlu. Hija twieldet fil-parroċċa tagħna fl-1600. Fit-22 ta' Ġunju 1625 iżżewġet lill-Lorenzo Cassar mill-Imdina: minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Mietet ta' 87 sena, fit-30 ta' Jannar 1687 wara li laħqet lestiet u gawdiet għal erba' snin sħaħ il-bini tal-Knisja. Tinsab midfuna fil-kappellun ta' Sant'Anton li hu ġuspatronat tagħha.



Minn dan it-tagħrif jirriżulta li l-kunjom veru ta' xbubitha hu Cumbo u kunjomha ta' miżżewġa hu Cassar. Iżda hi dejjem ġabet il-kunjom t'ommha, Navarra.[3]

Fil-parroċċa tagħna għandna żewġ ritratti-pittura tagħha. Wieħed li qed jiġi hawn publikat għall-ewwel darba hu dak li nxtara mill-parroċċa mill-irkant ta' Mons. Ġużeppi Apap Bologna u li jinsab fil-mużew tal-parroċċa. Dan juri lil Guzmana, figura sħiħa, bil-wieqfa ħdejn id-dar tagħha tar-Rabat, faċċata tal-Knisja, bil-Knisja u z-zuntier, żewġ opri tagħha, lesti għal kollox. Donnu dan ir-ritratt tpitter biex jirrappreżenta lill-Guzmana bħala l-fondatriċi tal-Knisja. F'idejha mbagħad għandha l-pjanta tal-Knisja ta' San Pawl. Ir-ritratt l-ieħor hu pittura ta' Ġannikol Buhagiar u sar fl-1735 mir-rettur tal-ġuspatronat ta' San Anton u jinsab fis-sagristija, mal-ħajt ta' l-istess kappellun. L-istemma jew l-arma ta' Guzmana tinsab f'ħafna postijiet fil-knisja, fuq il-qabar tagħha, fiż-żewġ kwadri, fuq it-titular, fil-fided li tat.[4] Fl-1982 il-Kan. Giovanni Briffa Brincati rregala lill-parroċċa ktieb illegat bil-ġild li fuq il-qoxra tiegħu hemm inċiża bid-deheb l-arma ta' Guzmana. Dan il-ktieb, espost fil-mużew, iġib l-isem *Martrolgium Romanum* u ġie stampat Venezja fl-1673.

## TINBEDA L-KNISA FL-1653

Kien fis-sena 1653 u żgur wara t-3 ta' Ġunju li ngħata bidu għall-bini ta' knisja akbar u isbaħ li l-ħtieġa tagħha kienet ukoll qed tinħass kemm għal raġuni ta' prestiġju kif ukoll minħabba ħsarat. Il-pjanta saret mill-arkitett militari ta' l-Ordni, Francesco Buonamici. Ix-xogħol beda fi żmien l-arċipriet Don Andrea Galea. Twaqqgħet is-sagristija l-qadima u t-tribuna u bdiet tinbena l-parti l-ġdida li kellha tikkonsisti fil-pilastri maġġuri li fuqhom imbagħad titla l-koppla kif ukoll il-kappelluni. Jidher li x-xogħol ma damx sejjer snin twal sa ma waqaf.

Is-sena 1653 nafuha mingħand il-Kommendatur Fra Bortolomeo Dal Pozzo,[5] li x-xogħol ma kienx għadu beda fit-3 ta' Ġunju jirriżulta mill-vista pastorali ta' l-isqof Balaguer li f'dik il-ġurnata żar il-parroċċa, id-deskriva l-altari u s-sagristija iżda ma semma ebda ħjiel ta' twaqqigħ u ta' bini ġdid. Iżda meta l-istess isqof żar il-knisja fil-vista ta' wara, fit-18 ta' April 1656, huwa kkummenta li l-knisja kienet qed tinbena mill-ġdid, li kellha s-sagristija u t-tribuna mwaqqgħin, li kellha tinbena l-koppla u l-kappelluni u li l-benefatturi kienu Lorenzo Cassar u martu Guzmana. Lilhom il-viżitaturi ħeġġewhom ferm biex ikomplu dik l-opra qaddisa.

Din id-deskrizzjoni donnha tatik x'taħseb li almenu l-ewwel fażi kellha tkun biss it-tkabbir bla ma titwaqqa l-korsija. Il-Vista ta' wara li saret fil-5 ta' Ġunju 1662 ma rrapurtat l-ebda progress u ħalliet ukoll barra l-isem ta' Guzmana: ħaġa li tatik x'taħseb li x-xogħol kien ġa waqaf.

Għidna li l-arkitett kien Buonamici, kif jirriżulta mill-kuntratt li fl-1664 Guzmana stess għamlet għat-tkomplija tax-xogħol. Meta qabbdet lil Buonamici, Guzmana kienet qed tqabbad bniedem ta' ħila u esperjenza, inġinier militari li l-Ordni ġab minn Lucca u li għex fostna mill-1635 sal-1659.[6] Dan Buonamici ma kienx ġdid għar-Rabat għax ftit snin qabel, il-kolleġjali kienu ġabuh biex jiddisinja dak il-bini sabiħ li kellu jservi għar-residenza tagħhom, il-Kulleġġ. Insibu fl-ewwel volum tal-kontijiet[7] ħlas ta' 5 tarì għat-trasport ta' dan l-inġinier biex jagħmel il-pjanta tal-Kulleġġ u spiża ta' 218 skud għall-bini ta' l-ewwel parti tiegħu. Forsi kien il-ġmiel ta' dak l-istil ġdid u sabiħ fl-aqwa tiegħu li ħajjar lil Guzmana tqabbad lill-istess perit jagħmlilha l-pjanta tal-knisja u jtella' bini li ma jagħmilx għajb lil dar ta' residenza viċina.

Dwar il-bżonn ta' knisja ġdida jitkellem Patri Pelaġju kapuċċin fl-istorja tal-Grotta li kiteb.[8] Huwa jgħid li l-knisja ta' qabel kienet 'torturata' bil-ħsarat kemm tat-temp kemm tal-assedji. Iżda għaliex waqaf il-bini ma nafux fiżżgur. Nafu biss li għal wieħed mill-kappelluni, dak ta' San Stiefnu, kien meħtieġ li Guzmana takkwista spazju li kien proprjetà tal-Ordni u l-Granmastru ma riedx jatihulha. Ir-raġuni i li ż-żewġ knejjes li kienu jmissu ma' xulxin, il-Parroċċa ta' San Pawl minn naħa u l-Grotta b'San Publiju fuqha, kienu l-waħda ta' l-isqof u l-oħra tal-Granmastru. Il-Grotta kienet għaddiet f'idejn l-Ordni fl-1617 u dan il-passaġġ qajjem tilwim kbir ta' ġurisdizzjoni bejn iż-żewġ mexxejja. Ma kienx għalhekk daqshekk faċli għal Guzmana li tieħu l-ispazju għal dak il-kappellun u kellha tistenna mhux ħażin sakemm qalgħet il-permess meħtieġ.

Ċirkostanza oħra setgħet kienet it-tilwima li Guzmana kellha ma' l-arċipriet Gio. Antonio Cauchi dwar il-pretensjoni tagħha li mħabba l-benefikati li għamlet u kienet beħsiebha tagħmel, tindaqqilha l-qanpiena l-kbira fl-okkażżjoni tal-mewt tagħha,[9] ħaġa li d-dritt kanoniku ma kienx jippermetti.

## TITKOMPLA L-KNISJA FL-1664

Iżda fis-16 ta' April 1664 ġewwa l-Imdina fl-atti tan-nutar Nikola Allegritto, Guzmana għamlet kuntratt ma' Lorenzo Gafà bin Tumas mill-Birgu u ma' Pawluċċju Farmusa miż-Żurrieq biex dawn ikomplu jibnu u jlestu l-knisja diġà mibdija. Minn dan il-kuntratt ħareġ bosta tagħrif:

a) l-isem tal-arkitett Buonamici li kien għamel il-pjanta u li l-pjanta tiegħu kienet qed tiġi murija lill-imgħallmin biex jimxu fuqha. Nikkummentaw hawnhekk li meta sar dan il-kuntratt maż-żewġ mgħallmin, Buonamici kien diġà ħalla Malta u l-post ta' inġinier militari kien ħadu l-Franċiż Mederico Blondel.
b) ix-xogħol li kien diġà tlesta: biċċiet mill-kampnar u mill-knisja: din il-parti kienet diġà iċċangata.
c) ix-xogħol li kellu jsir: tinbena n-navata prinċipali bil-faċċata tagħha, jiġi ċangat il-paviment, jinbnew l-altari bl-iskannelli ta' fuqhom u t-taraġ taħthom, isiru l-ħwat ta' l-ilma mbierek u ż-żewġ niċeċ mal-ħajt tal-bieb prinċipali minn ġewwa, jitlesta l-kampnar, tinbena jekk ikun meħtieġ gallarija għall-orgni, isir bokkaport għall-karnierja u jiġi perpetwat it-taraġ li mill-knisja jagħti għall-grotta.
d) tagħrif fuq kwalità ta' ġebel u barrieri, balavostri u ornamenti bl-arma ta' Guzmana li kellhom jitqegħdu fil-faċċata u fl-arkata ta' kull artal.
e) tagħrif fuq prezz u żmien: il-bini kollu kellu jqum 1700 skud u kellu jinkludi x-xogħol li kien ilu sejjer mid-19 ta' Jannar. Ingħata żmien ta' sena u nofs biex fih tiġi skavata

**SLAIS COMPANY LTD.**

**Fresh & Frozen Foods, Importers of Frozen Meats**

**4, St. Catherine Street, RABAT**

**Tel: 74583 28431**

knisja sotterranea (jew kannierja). Il-ħlas kellu jsir waqt ix-xogħol: parti tħallset mal-kuntratt, tħallset somma ta' 460 skud ak-kont fis-26 ta' Mejju, u l-qbija fi drabi oħra.

Jidher li l-Knisja l-ġdida pjantata minn Buonamici u fdata lil Lorenzo Gafà u sieħbu ma kenitx qed tagħmel għajb lill-bini maestuż tal-Kulleġġ ta' l-istess Buonamici, iżda żgur li kienet qed tagħmel għajb lil dik il-kappella ċkejkna ta' San Publiju mibnija fuq il-grotta u li kienet tmiss mal-parroċċa li kienet qed tinbena. Bl-ordni tal-Granmastru, fl-1665, Mederico Blondel, is-suċċessur ta' Buonamici, għamel akkordju ma' l-istess Lorenzo Gafà biex jibni mill-ġdid il-knisja ta' San Publiju, bi ħlas ta' 230 skud. Wara l-ħlas, reġistrat f'ħames irċevuti tan-nutar Nikola Allegritto, Gafà rċieva ħlas addizzjonali ta' 30 skud ieħor. Hekk ġara li Gafà kien qed jibni f'daqqa żewġ knejjes imissu ma' xulxin, il-Parroċċa ta' San Pawl u l-Knisja ta' San Publiju. Mhux dik tal-lum, iżda oħra li nħattet biex fl-1726 flokha titla dik tal-lum, pjantata u mibnija minn Salvu Borg tas-Siġġiewi, mgħallem li wara Gafà donnu kien miġjub ħafna mill-Ordni. Ma nafux jekk il-knisja ta' San Publiju li bena Gafà kenitx fuq pjanta ta' Blondel jew ta' Gafà stess jew ħad-dieħor.

Iż-żewġ kuntratti ma' Lorenzo Gafà, dawk tal-1664 (S. Pawl) u 1665 (S. Publiju) huma ferm importanti għall-karriera artistika ta' Gafà. Lorenzo Gafà twieled fl-4 ta' Awissu 1639 u ħadem ħafna bħala bennej, skultur u arkitett. Minn studju dwar il-ħidma tiegħu[11] jissemmew madwar l-1666 xogħlijiet żgħar ta' prospettivi ta' altari fil-Belt (l-erwieħ) u l-Birgu (S. Pietru u S. Skolastika) iżda ma jissemmewx kuntratti kbar. Dawn tar-Rabat, meta kellu biss 25 u 26 sena, jidhru li huma l-ewwel żewġ kuntratti kbar tiegħu. Barra dan huma nteressanti għax jorbtu l-isem ta' Gafà ma Buonamici u ma Blondel fi stil ġdid barokk li kien dieħel Malta u li Gafà taħ l-ogħla forma tiegħu.

Dwar il-progress tal-Knisja ta' San Pawl għandna tagħrif fil-Visti Pastorali. Fis-7 ta' Jannar 1666 il-kappellun ta' San Anton kien tlesta (Visita ta' Bueno). Fis-1672 il-knisja kienet lesta għal kollox (donnhom qatgħu jieshom li għad jinbena l-kappellun l-ieħor) bir-riżorsi u d-devozzjoni ta' Guzmana. Jingħad li kellha erba' bibien u l-knisja hi msejħa *manifika* (visita ta' Astiria).

M'hemm ebda dubju li Guzmana baqgħet issebbaħ il-Knisja. Fl-1678 hija qegħdet it-titular il-ġdid ta' Stefano Erardi bil-Glorja ta' San Pawl fuqu waqt li s-sena ta' wara hija ar-rikkiet iz-zuntier bl-istatwa ta' San Pawl fuq pedestall bi skrizzjonijiet, kopja tal-ġebel ta' l-istatwa ta' San Pawl li Melkjorre Gafà għamel fil-Grotta.




## IL-KNISJA TITLESTA FIS-SNIN 1680 – 1683

Fit-2 ta' Mejju 1680 nħatar Granmastru ġdid, Nicola Cotoner. Guzmana tenniet lilu t-talba tagħha f'dak l-istess jum u hu taha l-ispazju li kellha bżonn biex tlesti l-knisja. Il-kummissarju tax-Xogħlijiet tal-Ordni ġie mitlub jirrelata u tal-permess li ngħata talab kumpens mhux ħażin għax ġiegħel lil Guzmana tibni dik is-sagristija sabiħa li hemm illum fil-knisja ta' San Publiju u tagħmel tibdil fit-titular. It-titular tal-knisja ma kienx inkwadru iżda statwa tal-injam indurata u mqegħda ġo niċċa li turi lil San Publiju. Guzmana kellha tgħolliha 'l fuq u żżejjinha biex titgawda aktar.[12] Meta ġie biex jitwettaq dan l-Ordni, ġara xi ħaġa. Il-kolleġjali ddeċidew li jneħħu l-istatwa u għamlu minflokha t-titular sabiħ ta' Mattija Preti li juri l-Madonna liebsa s-salib tal-Ordni bil-Bambin ħdejha u lil San Publiju u San Ġwann Battista. Ta' dan il-kwadru Preti ħa 300 skud.

Irridu naħsbu li Guzmana ma damitx ma tat bidu għall-bini tal-kappellun[13] u li x-xogħol sar taħt is-sorveljanza ta' l-istess Gafà. Ma nstabux kuntratti u lanqas għandna reġistri tal-kontijiet: billi l-ispejjeż tħallsu mill-benefattriċi l-irċevuti baqgħu għandha. Nafu minn Patri Pelaġju li fl-istess żmien, taħt id-direzzjoni ta' Gafà, ġiet riformata l-faċċata tal-Knisja ta' San Publiju. Ma dan jaqbel Fortunato Panzavecchia (miet fl-1850) li jgħid li ta' Gafà huma ż-żewġt iġnub tal-faċċata tal-Knisja. Huwa jżid li Gafà bena wkoll il-koppla tal-Knisja.[14]

Fl-14 ta' Diċembru 1683 Guzmana għamlet att li bih għaniet lill-knisja b'dota rikka.[15] Hija rat il-ħolma tagħha mitmuma u għalkemm kien għad baqgħu x'isiru l-ornamenti u l-kwadru titulari tal-kappellun hija setgħet tqis l-opra kompluta.

Nittamaw li mill-glorja tal-ġenna hija qed tgawdi sal-lum l-opra tagħha u dis-sena tifraħ magħna f'għeluq it-tlett mitt sena li tlesta t-tempju li bniet u għaniet hi.

## NOTI

[1] Skrizzjoni oħra pariġġha, fuq il-fonti tal-magħmudija, tfakkar il-konsegrazzjoni ta' l-istess knisja mill-isqof Gaspare Gori Mancini fl-1 ta' Ottubru 1762.

[2] Ommha Cornelia ġiet midfuna fil-Grotta ta' S. Pawl. Skrizzjoni li turi isimha u s-sena ta' mewtha, 1613, tneħħiet biex sar l-artal ta' S. Trofimu. Skond V. Caruana Gatto, *La Venerabiltà storica della Grotta* ecc., Malta 1905, p. 61. Din Cornelia kienet wisq għanja: wirtet ukoll erba' ħutha li lkoll mietu bla tfal.

[3] Il-Knisja l-qadima wkoll kellha lapida li tfakkar il-konsagrazzjoni mill-isqof Royas fit-30 ta' Ġunju 1575. L-istoriku Abela jagħti t-test ta' din l-iskrizzjoni (pag. 346). Minn din l-iskrizzjoni kien baqa' biss 3 kelmiet u fl-imgħoddi biex ma jintilfux waħħluhom fil-kripta tal-Maddalena. Nirreġistraw il-fatt li bil-koperazzjoni tal-Kan. V. Galea dawn illum tqegħdu fil-mużew.

[4] L-arma ta' Guzmana hi tlett faxed bid-deheb fuq sfond ċelest bi tlett stilel tal-fidda.

[5] B. Dal Pozzo (*Historia della Sacra Religione*, Verona 1703, Parte I, Libro IX) igħid li Guzmana kienet nefqet b'kollox aktar minn 30 elf skud.

[6] Alison Hoppen, *Military Engineers in Malta, 1530 – 1798* f'*Annals of Science*, 38(1981), 413 – 433. Ara wkoll V. Borg, *Fabio Chigi, Apostolic Delegate in Malta*, Ed. Studi e Testi, 1967, p. 245,n.1.

[7] Arkivju tal-Grotta, *Conti*, vol. 1, f.10: *Esito dal 3 settembre 1646 fino a tutto agosto 1650.*

[8] Librerija Nazzjonali, vol. 142, n.3, par. V.

[9] Nutar F. Catania, *Id-dsatax il-ċentinarju tal-fondazzjoni tal-knisja matriċi u proto-parrokjali ta' Malta*, f'*Matrix Totius Insulae*, 1960, p. 11.

[10] L-isem ta' Buonamici hu mniżżel ukoll fil-manoskritt fuq il-Viżta ta' Molina fl-arkivju tal-Kattidral. Misc. 180. F'kopja oħra li tinsab fil-Librerija hu mniżżel bi żball Bonnici. Quentin Hughes fil-ktieb tiegħu *The Buildings of Malta, 1530 – 1795*, p. 83 isemmi lil Filippo Bonamici (1705 – 1780) u jikkwota kitba f'ritratt li hemm il-Mużew Nazzjonali. Jidher li għandu żball għax il-knisja bdiet tinbena fl-1653, ħafna qabel id-data ta' Filippo Bonamici. Bir-raġun kollu jinnota x-xebħ bejn il-knisja tagħna u l-Ġiżwiti, l-Belt.

[11] D. Cutajar, *Architect Lorenzo Gafà (1639 – 1703)*, The Sunday Times Building and Architectural Supplement, August 2, 1981. Meta beda l-bini tal-knisja fuq il-pjanta ta' Buonamici, Gafà kellu biss 14-il sena.

[12] L-istatwa ta' San Publiju ma' oħra ta' San Pawl u l-oħra ta' San Luqa kienu nħadmu Napli u nġabu minn Beneguas fl-1609. Għar-relazzjoni tal-kummissarju ta' l-Ordni biex l-istatwa titolari ta' San Publiju tittella' 'l fuq, ara Arkivju tal-grotta, Ms. A, ff.387 – 8. Traduzzjoni bil-Malti f'*Il-Festi Tagħna*, 1980: *Tibdil fil-Knisja ta' San Publiju.*

[13] Skond kuntratt ta' l-istess Guzmana ta' Mejju 1684 l-altar kellu jkun dedikat lill-erwieħ. Kif daħal floku S. Stiefnu ma nafux. Nafu li Guzmana, fl-atti tan-nutar Nikola Allegritto għamlet it-testment fil-25 t'Awissu 1675 iżda għamlet tibdil fit-23 ta' Mejju 1684; fis-17 ta' Jannar 1687 u fit-23 ta' Jannar 1687.

[14] Librerija Nazzjonali, vol. 142, n. 3, par. 52. Arkivju tal-Kattidral, *Pan. 12*, anno 1640. Xogħlijiet oħra dokumentati ta' Gafà fir-Rabat huma l-mina bejn il-Kulleġġ u l-Grotta (1680 – *Conti*, vol. 4, f.428v) u d-delfin li nbena wara l-altar maġġur fil-parroċċa wara t-terremot (1693).

[15] Atti tan-nutar Nikol Allegritto, 14 ta' Diċembru, 7 ind., 1683. Doti oħra saru fis-6 ta' Mejju 1684 u 26 ta' Novembru 1686.

# IL-PARROĊĊA U L-KRIPTA TA' SAN PAWL TAR-RABAT FID-DAWL TA' VIŻTA PASTORALI TAS-SENA 1615

MINN ALEXANDER BONNICI, O.F.M. CONV.

## MIBNIJIN FUQ 400 SENA ILU

Waqt li sejrin infakkru l-knisja parrokkjali u l-kripta ta' San Pawl tar-Rabat, ma nġibux quddiem għajnejna t-tempju tant sabiħ u l-knisja tal-grotta tant artistika li nafu bihom illum. Sejrin niktbu fuq bini ta' knisja li ma kellux idum wieqaf ħlief għal madwar mitt sena. Meta ngħidu għall-knisja parrokkjali nifhmu għal dik li kienet teżist qabel ma nbniet din tal-lum. Hi wkoll kienet fl-istess post, fuq in-naħa tal-lemin tal-grotta, u f'pożizzjoni aktar fil-għoli, kif narawha llum.

Qabel iż-żmien ta' l-assedju l-kbir, faqar kbir u biża' kienu jaħkmu fuq il-gżejjer tagħna. Għalhekk, kemm il-knisja parrokkjali kif ukoll il-kripta ta' maġembha kienu xi ftit mitluqin. Imma, meta ġie l-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina, fis-sena 1575, hu sab knisja parrokkjali li kienet qed tinbena mill-ġdid. Din tlestiet tliet snin iżjed tard: jiġifieri fis-sena 1578. Dwar din il-knisja li illum ma għadhiex teżisti, iżjed għadna nistgħu nsibu ħafna tagħrif f'kitbiet uffiċjali li qatt ma ġew stampati.

## L-EWWEL VIŻTA TA' CAGLIARES

Mons. Baldassri Cagliares kien għadu kif laħaq Isqof ta' Malta u Għawdex. Hu malajr beda viżta pastorali fid-djoċesi. Ir-Rabat dejjem kien minn ta' quddiem nett fil-viżti pastorali ta' l-imgħoddi. Fit-8 ta' Settembru, 1615, l-Isqof beda mill-Kattidral u mill-knejjes l-oħra ta' l-Imdina. Imbagħad, fl-1 ta' Ottubru, 1615, hu ġie r-Rabat.

Ftit snin qabel, u eżattament fis-sena 1610, kienet għadha kemm saret firda bejn il-knisja parrokkjali u l-kripta. L-Arċipriet ta' dak iż-żmien kien Dun Ġwann Debono (AAM, *Visit.*, 8, 1615, f.86v).

## IL-PARROĊĊA U MADWARHA

Il-knisja parrokkjali dejjem issejħet *San Pawl Ta' Barra s-Swar*. B'dan it-titlu, hi ma kenitx titħallat mal-Katidral ta' l-Imdina, li hu wkoll ġie ddedikat lil San Pawl. Quddiem il-parroċċa li fil-ġenb tagħha kien hemm ċimiterju. Nafu tajjeb mill-istorja li dak iċ-ċimiterju kien mimli kappelel. F'din il-viżta, tissemma dik li kienet iddedikata lil San Ġwann. Tissemma wkoll kappella oħra li kienet teżisti sa żmien qabel; dik kienet iddedikata lil San Nikola; imma ma kenitx għadha hemm iżjed għaliex kienet iġġarrfet (*Ibid.*, ff.86v,91v).

Il-knisja parrokkjali kellha wkoll kampnar magħha. Fuqu kien hemm imdendlin żewġ qniepen: waħda kbira u oħra żgħira. Id-deskrizzjoni tal-viżta pastorali tgħaqqad 'il dan il-kampnar mal-kripta. Ir-raġuni hi għaliex fil-kripta kien hemm taraġ li kien iwassal sa fuq il-kampnar. Imma l-viżitatur ordna biex lil dak il-garigor jagħmlulu bieb ħalli bil-lejl jissakkar (*Ib.*,f.91r).

## ARTAL BI KWADRU KBIR TA' SAN PAWL

Il-Viżitatur, immexxi mill-arċipriet Debono, għamel il-viżta tiegħu fil-knisja parrokkjali. Bħalma jsir dejjem, hu osserva tajjeb l-artal maġġur fejn kien hemm it-tabernaklu. Biex ma jiġrix dak li ma hux mixtieq, l-arċipriet ġie rakkomandat li jsakkar dejjem it-tabernaklu biċ-ċavetta matul il-lejl, u ċ-ċavetta kellha tinżamm għandu stess. Fuq it-tabernaklu, kien hemm salib tal-bronż (*Ib.*,f.86v).

Il-kwadru polittiku ta' dak iż-żmien għadu jeżisti. Dan illum tqiegħed taħt il-kwadru kbir tal-knisja parrokkjali ta' żmienna. Għalkemm dak il-kwadru ta' pittur mhux magħruf hu ħafna iċken mit-titular attwali, l-isqof Cagliares iddeskrivieh bħala kwadru kbir. Imma, fil-fatt, f'dak iż-żmien, kien akbar minn kif nafuh illum għax kellu biċċiet oħrajn miegħu li, biż-żmien, tneħħew. Dan hu kwadru ta' San Pawl, u wieħed mill-kwadretti jfakkar in-nawfraġju ta' l-appostlu fil-gżira tagħna. Dak iż-żmien ma kienx hemm madum fil-knisja. Għalhekk, it-trab kien jista' jagħmel ħafna ħsara. Għal din ir-raġuni, il-kwadru ta' l-artal maġġur kien jitgħatta ħalli ma jiġrilux ħsara.

Fil-qrib ta' l-artal maġġur, kien hemm xi oqbra. L-artal maġġur bil-kwadru (jew ikona) tiegħu, kien maqtugħ mill-kumplament tal-korsija. Balavostri kienu jdawru l-presbiterju kollu, u kont trid tinżel tliet tarġiet biex tiġi fil-korsija. F'nofs l-artal maġġur, kien hemm ukoll xbiha ta' Kristu Msallab tħares lejn il-poplu. Kien hemm fil-qrib biċċa njama ħierġa mill-ħajt, u magħha kienu jiddendlu tliet lampieri tal-bronż. Il-lampier li kien fin-nofs kien jibqa' jixgħel dejjem (*Ib.*, f.91r-v).

## ARTALI OĦRAJN TAL-PARROĊĊA

Il-parroċċa kellha erba' artali: tnejn fuq il-lemin, u tnejn oħra fuq ix-xellug. L-ewwel artal ta' fuq il-lemin kien iddedikat lit-*Trasfigurazzjoni tal-Mulej*, minna magħruf bħala s-Salvatur. Kien kwadru mpitter fuq it-tila. Fin-naħa ta' fuq tiegħu, f'għamla ta' ark imdaħħal fil-ħajt, kien hemm pittura tal-ġudizzju universali. Ma' ġenb l-artal, kien hemm ħadida mdaħħla fil-ħajt, u magħha kien jiddendel lampier (*Ib.*,ff.88r-89r).

Faċċata tiegħu, fuq ix-xellug, kien hemm l-artal bil-kwadru tal-qaddisin *Krispin u Krispinjanu*. In-nies tas-snajja tar-Rabat u ta' l-Imdina kienu jieħdu ħsieb li dak l-artal ma jkun jonqsu xejn. Dawn kienu jżommu lampier li fil-ġranet ta' Ħdud u Festi jixegħluh dejjem. Fuq l-artal, dawk tas-snajja kienu jaraw li jiġi ċelebrat xi quddies u li ssir il-festa tiegħu (*Ib.*,f.89r-v).

Aktar 'l isfel, fuq il-lemin, kien hemm artal bil-kwadru li jġib fih *Il-Madonna bil-Qaddisin San Pawl u San Ġwann Battista*. Quddiemu, fuq ix-xellug, kien hemm l-artal li kellu l-kwadru tat-*Trinità Qaddisa*; imma n-nies kienet issejjaħlu l-artal ta' l-Ispirtu s-Santu.

Fuq in-naħa ta' wara, kien hemm sagristija kbira biżżejjed, u mdawla sewwa. Fiha, kienu jinżammu l-paramenti sagri. Imma l-Isqof Cagliares ordnalhom biex jieħdu ħsieb li fil-knisja jsir konfessjonarju ta' stil modern (*Ib.*,ff.89v-90r).

## KRIPTA MEQJUMA

Ma' ġemb il-knisja parrokkjali, imma, f'livell iżjed baxx, kien hemm il-kripta, li kienet tiġbor fiha l-għar għażiż ta' San Pawl. Mill-knisja parrokkjali, kien hemm ħafna taraġ li jwassal għaliha. Imma, imbagħad, mill-kripta, kien hemm taraġ ieħor li kien jagħti għat-triq.

F'dik il-kripta, il-qima lejn San Pawl kienet kbira ħafna. Fil-kripta, l-artal maġġur kien imdaħħal ġo ark fil-ħajt. L-ark kien impitter kollu kemm hu. Ma' ġenb l-artal, fit-tarf ta' l-ark, kien hemm *lampier* li jinżamm *dejjem jixgħel*. L-artal kien tal-ġebel b'lavur tajjeb ħafna. Id-daħla ta' dak l-ark kienet tingħalaq b'bieb ta' l-injam. Fuq l-artal tal-kripta, kien hemm statwa ta' San Pawl ta' l-injam u ndurata (*Ib.*,f.90v).

## STATWI TA' L-INJAM

Fuq il-lemin ta' l-artal maġġur tal-kripta, kien hemm statwa ċkejkna ta' *San Duminku*. Oħra tal-*Madonna* kienet fuq artal fejn kienu jinżammu mgħottija xi relikwi.

Fil-kripta, kien hemm ukoll kappella ċkejkna maqtugħa fil-ġebel. Fuq l-artal tagħha, kien hemm statwa ta' njam indurat, li tiffigura 'l San Luqa Evanġelista. F'rokna ta' dik il-kappella, kien hemm statwa oħra ta' l-injam ta' Sidna Ġesù Kristu marbut mal-kolonna.

Kien hemm daħla oħra f'għamla ta' ark, u din kienet tifforma kappella oħra ċkejkna. Fuq l-artal tagħha kien hemm daqsxejn ta' statwa ta' *Kristu qed jitniżżel mis-salib u jitqiegħed fi ħdan Ommu Marija*. Il-Madonna kienet f'qagħda li donnha qed turih lill-poplu sabiex iqimu.

Fuq artal ieħor, kien hemm statwa oħra ta' l-injam li tiffigura 'l *Kristu Rxoxt*. (*Ib.*, f.91r).

F'dak iż-żmien il-kripta kienet qed tiżżejjen min-nobbli kavallier spanjol Giovanni Beneguas. Ma kienx jonqos ħliet sentejn biex dik il-kripta tiġi mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata ta' l-Ordni ta' San Ġwann, b'ħarsien speċjali u kontinwu mill-Kavallieri.